MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**

**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-3 ta' Frar, 2014

Numru. 68/2014

Il-**Pulizija**

**(Spettur Roderick Agius)**

**Vs**

**Salah Adam iben Salah u Harmata nee` Bakr, imwieled gewwa Chad, nhar l-1 ta' Dicembru 1984 detentur ta' permess ta' residenza Taljana no: 10482775, ma' ghandux indirizz fiss.**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront tal-imputat li gie akkuzat talli:

Nhar is-17 ta’ Jannar 2014 ghall-habta ta’ 0730hrs gewwa Hal-Qormi u f’dawn il-Gzejjer, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja fil-periklu car, ikkaguna ferita ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ PS772 Dennis Agius u/jew persuni ohra.

Nhar is-17 ta’ Jannar 2014 ghall-habta ta’ 1130hrs gewwa Hal-Qormi u f’dawn il-Gzejjer, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja fil-periklu car, ikkaguna ferita ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ PC1104 Silvio Spiteri u/jew persuni ohra.

Nhar is-17 ta’ Jannar 2014 ghall-habta ta’ 0730hrs gewwa Hal-Qormi u f’dawn il-Gzejjer, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja fil-periklu car, ikkaguna ferita ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Joseph Xuereb u/jew persuni ohra.

Nhar is-17 ta’ Jannar 2014 ghall-habta ta’ 0730hrs gewwa Hal-Qormi u f’dawn il-Gzejjer, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja fil-periklu car, ikkaguna ferita ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Ivan Mercieca u/jew persuni ohra.

U talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b’hebb ta’ xorta ohra li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra ufficjal pubbliku, persuna nkarigata skond il-Ligi min servizz pubbliku, waqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-Ligi jew ta’ ordni moghti skond il-Ligi mill-awtoritajiet kompetenti.

U talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-Awtorita jew ta’ persuni nkarigati minn servizz pubbliku, jew ma hallihomx jew fixkilhom waqt il-qadi ta’ dmirijiethom, jew b’xi mod iehor, bla jedd, indahal fi

dmirijiethom, billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li bil-Ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel jew, billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skond il-Ligi.

U talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi ingurja, jew hedded jew ghamel offiza fuq PS772 D. Agius u PC1104 Silvio Spiteri persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed ghamel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz.

U talli nhar is-17 ta' Jannar, 2014 ghal habta ta' 7.30hrs gew Hal-Qormi u f'dawn il-Gzejjer volontarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioe` ghamel xi hsara liema hsara ma tiskorrix l-elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (1,164.69) imma izjed minn mija u sittax il-euro u sebgha u erbghin centezmu (116.47) ghad-dannu tal-Kumpanija Lidl u/jew persuni ohra.

U finalment talli nhar is-17 ta' Jannar, 2014 ghal habta tal-1.45hrs huwa harab minn taht il-kustodja tal-pulzija minn gewwa l-ghassa tal-pulizija ta' Hal-Qormi meta huwa kien arrestat legalment.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunses tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputat l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat, izda l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni c-cirkostanzi li fihom sehh dan il-kaz fejn l-imputat kien ta' periklu ghan-nies ta' madwaru u l-ufficjali tas-sigurta u tal-pulizija li spiccaw imwegghin.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 96, 221, 338(ee), 338(dd), 325(b) u 152 tal-Kapitolu 9 Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghall-piena ta' ghaxar (10) xhur prigunerija.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------